**Minuti tas-26 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2017 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Saliba saqsa fuq is-sinjali l-ħodor minn kien għamilhom. Is-Segretarju saqsa lic-chairperson jekk kienx iltaqa mas-Sindku biex ikellmu fuq is-sitwazzjoni tal-parkeġġ. Is-Sur. Saliba semma li huwa kien se jiltaqa mas-Sindku fuq din l-issue.

2.2 Is-Sur. Gatt saqsa fuq it-traffic lights li kellhom isiru fejn hemm l-express Trailers.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Saliba semma li hemm id-dawl li qed jinqata fi Triq Ħal Qormi. Is-Segretarju semma li dan diġa kien irrapurtat.

3.2 Is-Sur. Saliba tkellem fuq ir-railings tal-ħadid li kellhom isiru fejn hemm il-Housing Estate u ċ-ċint tal-ġebel.

3.3 Is-Sur. Saliba tkellem fuq iċ-ċint li kellu jsir fejn hemm l-Industrial Estate peress li dan jidher li qisu mhux komplut. Huwa semma li Stefan Zrinzo Azzopardi kien infurmahom li dan iċ-ċint kien se jinbena.

3.4 Is-Segretarju semma li d-dwal tal-Family Park bħalissa hemm ħafna minhom li mhumiex jixgħelu u dawn peress li huma bil-ħsara. Huwa qal li bħalissa qed jitkellmu m' electrician fuq il-possibilta li dawn jinbidlu kollha.

3.5 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-harness li kien hemm għall Bandla taż-żgħar peress li din kienet nieqsa. Is-Segretarju semma li huwa se jara x' jista jagħmel biex ikun hemm waħda simili tagħha.

3.6 Is-Sur. Saliba saqsa dwar Triq Wied in-Noqor kif din se ssir. Is-Segretarju semma li din Transport Malta trid tagħmilha anki billi kien hemm il-bżonn li jsiru l-water culverts mill-ġdid. Huwa semma li f' dan il-każ jibgħat email lil Ministru Dr. Ian Borg fuq is-sitwazzjoni t' hawn.

3.7 Is-Sur. Saliba saqsa dwar il-housing Estate li kellu jsir hawnhekk maġenb Triq il-Vitorja jekk kellniex xi forma t' informazzjoni. Is-Segretarju qal li huwa ma kellu l-ebda informazzjoni.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru 2017 fis-5.49 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |